

**Kawża C-189/08**

**Zuid-Chemie BV**

**vs**

**Philippo's Mineralenfabriek NV/SA**

(talba għal deċiżjoni preliminari  
mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden)

“Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali — Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni ta' sentenzi — Regolament Nru 44/2001 — Kunċett tal-'post fejn l-avveniment dannuż ikun twettaq”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' Lulju 2009 . . . . I - 6919

**Sommarju tas-sentenza**

*Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali — Regolament Nru 44/2001 — Ġurisdizzjoni speċjali — Ġurisdizzjoni f'materji ta' delitt jew kważi-delitt*

*(Regolament tal-Kunsill Nru 44/2001, Artikoli 2 u 5(3))*

I - 6917

L-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-kuntest ta' kawża dwar id-dannu kkawżat lil impriża minħabba kunsinna ta' prodott kimiku kkontaminat li renda inutilizzabbli l-fertilizzanti li l-impriża tipproducி minn diversi tipi ta' materja prima u mit-trasformazzjoni tal-imsemmi prodott, il-frażi "post fejn l-effett tal-ħsara [l-avveniment dannuż] jkun twettaq" tirreferi għall-post fejn id-dannu inizjali seħħ minħabba l-użu normali tal-prodott għall-finijiet li għalihom huwa intiż.

kkawża lill-prodott ittrasformat dannu materjali li sofriet l-impriża u li jmur lil hinn mid-dannu inerenti għall-prodott fih innifsu. F'dan ir-rigward, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-post fejn seħħ id-dannu, li huwa differenti minn dak tal-avveniment kawżali, jippermetti li l-kawża titressaq quddiem il-qorti li tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex taqta' l-kawża, b'mod partikolari minħabba raġunijiet ta' prossimità tal-kawża u ta' faċilità tal-amministrazzjoni tal-provi. Min-naħa l-oħra, l-għażla unika tal-post tal-avveniment kawżali jkollha bħala effett li twassal, f'numru sostanzjali ta' każijiet, għal konfużjoni bejn il-bażijiet ta' ġurisdizzjoni pprovdu fl-Artikoli 2 u 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001, b'mod illi din aħħar dispożizzjoni titlef b'hekk l-effettivitā tagħha.

Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tirrigwarda mhux biss il-post tal-avveniment kawżali li huwa s-sors tad-dannu imma wkoll dak ta' fejn id-dannu seħħ, bħalma hija l-fabrika tal-impriża fejn hija ttrasformat prodott difettuż li

(ara l-punti 23, 24, 29-32 u d-dispożittiv)